**29 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B. Litt., LL.D.**

Riccardo Seguna et.

*versus*

Battista sive Patist Aglus

## Appoġġ — Ħajt Diviżorju — "Bini".

*Biex jingħata d-dritt ta' appoġġ jeħtieġ, fost każi oħra, li jitpoġġa "bini" ma' ħajt komuni; u l-kelma "bini" ma tfissierx biss edifiċċju jew xi kostruzzjoni oħra tal-ġebel u ta' natura permanenti, imma tikkomprendi wkoll kwalunkwe kostruzzjoni msaqqfa kapaċi tagħti protezzjoni jew kenn. Kwalunkwe kostruzzjoni jew fabbrika, anki temporanea u movibbli, hija nkluża fil-kelma "bini" għall-finijiet tad-dritt talappoġġ.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, wara li jippremettu illi l-konvenut poġġa l-bini tiegħu u bena' ma' ħitan ta' proprjetà tagħhom fil-Marsa, 27, 28 u 29 Nazarene Street, jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallashom dik is-somma li tiġi minn din il-Qorti likwidata, anki jekk hemm bżonn bl-opra ta' periti nominandi, bħala kumpens għall-appoġġ li għamel mal-bini tagħhom fil-Marsa, numri 27, 28 u 29 Nazarene Street. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tas-16 ta' Ġunju 1956 u tas-27 ta' Settembru 1956, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qegħedin jippretendu u jitolbu kumpens għall-appoġġ li l-konvenut għamel mal-bini tagħhom 27, 28 u 29 Nazarene Street, Marsa. Il-konvenut jissottometti li huwa jrid iħallas tal-appoġġ li għamel, imma jgħid li l-atturi jippretendu iżjed milli ħaqqhom; fis-sens li, kif huwa

jgħid, huma jeżiġu kumpens għall-appoġġ ta' ħitan fejn huwa ma poġġiex fis-sens tal-liġi;

Illi l-perit ġudizzjarju rrelata li l-konvenut bena gabinetti matul il-ħitan tal-fondi tal-atturi u saqqafhom bi pjanċi taż-żingu u konkos fuq il-pjanċi; li fil-każ attwali ma ġiex eżerċitat id-dritt tal-appoġġ kif isir f'każi normali, għaliex il-konvenut la ħaffer biex idaħħal travi fil-ħitan tal-atturi, u lanqas ma ngalja biex iqiegħed ix-xoroq; u fejn il-ħitan huma baxxi minn naħa tiegħu, il-konvenut poġġa pjanċi taż-żingu u konkos fuqhom, li in parti għadhom fil-post u in parti tneħħew. L-istess perit, wara li ħa in konsiderazzjoni l-estensjoni tal-ħitan, tant singli kemm bid-doblu, li l-konvenut poġġa magħhom, u naqqas għad-deterjorament relattiv, ikkonkluda li l-kumpens għall-appoġġ dovut mill-konvenut hu fis-somma kompleassiva ta' £25.8.9; u li, jekk din il-Qorti tirritjeni li l-konvenut għandu wkoll iħallas appoġġ tal-parti tal-ħajt tal-attur fejn huwa kien poġġa pjanċi taż-żingu li reġa' neħħa, is-somma ndikata għandha tiżdied, billi, kunsidrata l-estensjoni tal-ħajt singlu fejn kien hemm dawn il-pjanċi, dedott id-deterjorament tal-ħajt, irid ikun hemm kumpens għall-appoġġ, għall-parti tal-konvenut, fis-somma ulterjuri ta' £9.13.6;

Illi l-konvenut jissottometti li huwa ma għamelx appoġġ fis-sens legali, u anzi hemm xi parti fejn kien effettwa appoġġ u mbgħad neħħieh, tant li attwalment ma għadux jeżisti. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut għandu jħallas il-kumpens kollu dovut minnu għall-appoġġ minnu eżerċitat, għalkemm ma beniex b'ġebel, kif likwidat mill-perit ġudizzjarju, anki għal dik il-parti minn fejn neħħa l-pjanċi taż-żingu wara li kien poġġihom. Irriżulta li l-konvenut bena kmamar żgħar, jew gabinetti, u biex jagħmel hekk poġġa mal-ħitan tal-fondi tal-atturi; biss, minflok ma daħħal travi fil-ħitan u ngalja biex iqiegħed ix-xoroq, huwa ħaffer toqob f'dawk il-ħitan, biex seta' iwaħħal serratizzi, li fuqhom poġġa pjanċi taż-żingu, u konkos fuq dawn il-pjanċi, biex iservu ta' soqfa; liema kmamar kienu jservuh, waħda biex jaħżem fiha l-virgi tal-qasab, u l-oħrajn biex iżomm fihom l-annimali u t-tjur; u issa, dawk li baqa', għaliex kamra minnhom neħħiha, qegħdin iservuh għall-imbarazz;

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti, biex jingħata d-dritt ta' appoġġ jeħtieġ, fost każi oħra, li jitpoġġa "bini" ma' ħajt komuni; u l-kelma "bini" ma tfisserx biss edifiċċju jew xi kostruzzjoni oħra tal-ġebel u ta' natura permanenti, imma tikkomprendi wkoll kwalunkwe kostruzzjoni msaqqfa u kapaċi tagħti protezzjoni jew kenn. Kwalunkwe kostruzzjoni jew fabbrika, anki temporanea u movibbli, hi inkluża fil-kelma "bini" għall-finijiet tad-dritt tal-appoġġ (Vol. XXXVI-II-443). Għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-attur bħala kumpens għall-appoġġ minnu eżerċitat is-somma komplessiva ġa msemmija ta' £35.2.3, likwidata mill-perit ġudizzjarju;

Illi l-konvenut jissottometti li ma għandux ibati spejjeż, għaliex huwa dejjem kien lest biex iħallas l-ammont li għalieh hu tenut skond il-liġi, u l-atturi qatt ma bagħtulu kont biex ikun jista' jiċċekkjah. Però, hu ta' min josserva li l-atturi, kif jirriżulta, bagħtu kont lill-konvenut per mezz tal-konsulent legali tagħhom, li anki kellem lill-konsulent legali tal-konvenut; imma dan dejjem irritjena li ma kellu jħallas xejn. Del resto, mill-eċċezzjonijiet stess tal-konvenut jidher ċar li huwa rċieva dak il-kont, ġa ladarba fid-dikjarazzjoni ssottometta li huwa kien lest iħallas jekk l-atturi jirriduċu l-pretensjoni tagħhom; imma ma jidherx li l-konvenut qatt wera kemm kien lest li jħallas;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk, safejn kompatibbli magħhom, tal-perit ġiudizzjarju;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza tal-atturi fis-somma ta' £35.2.3; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.